għaraf ifarrakha. Luċija m'għandhiex għax tibża' minnek; in-għidulek jien imsejken patri; u għalik, isma' tajjeb dan li sa nwiegħdek. Għad jiġi jum......"

Dun Rodrigu kien sa dal-ħin baqa', bejn id-dagħdigħa u l-għaġeb, bħal miblugħ, ma jsibx il-kliem; imma, meta sama' t-tehdida ta' *profezija*, ta' basra ta' dak li kien għad irid igħaddi minn għalih, mal-għadab żdied biża' mill-bogħod mistur.

Hafen bil-ħeffa fl-ajru dik l-id heddieda, u, jarfa' leħnu biex jaqta' dik tal-bassar ta' dellu tqil, għajjat: "Oħroġli minn qalb riġlejja, pastas sfiq, għażżien imlibbes il-kapoċċ."

Dal-kliem hekk ċar serrħu f'daqqa waħda lil Patri Kristofru. Mal-ħsieb ta' tkagħbir u ta' żebliħ kien, f'moħħu, hekk tajjeb u minn ħafna żmien ilu, imsieħeb il-ħsieb ta' tiġrib bis-sabar u ta' skiet, li, għal dik il-laqgħa, battiet fih kull xejra għat-tagħdib u l-ħeġġa, u qata' biss li jisma' bla ma jitniffes dak li lil Dun Rodrigu jkun jogħġbu jżid. Fuqhekk, wara li bis-skiet ġibed idu minn taħt id-dwiefer ta' dak ir-raġel sewwa, niżżel rasu u baqa' bla ma jiċċaqlaq, bħalma hekk kif jorqod ir-riħ, fl-eqqel tar-rief-nu, is-siġra, li kienet imħabbta mir-riħ, tiġbor magħha, kif inhu maħluq, il-friegħi tagħha, u tilqa' s-silġ, kif jibagħtu s-sema.

"Ċakkar imqalfat," tenna jgħid Dun Rodrigu: "inti ġġib ruħek man-nies ta' li int. Imma iżżi ħajr iċ-ċoqqa li tgħattilek dawk il-kiftejn ta' ċerċur, u teħilsek mill-ħe m li jsir lil dawk tal-qatgħa tiegħek biex igħallmuhom kif jitkellmu. Oħroġ b'riġ-lejk, minn din-naħa: u narawha."

Igħid hekk, urieh b'sebgħu, b'amar ta' tmaqdir, bieb bis-wit dak li minnu kienu daħlu. Il-patri għaddas rasu, u baqa' sejjer, iħalli lil Dun Rodrigu jqis b'atar ta' wieħed mitluf il-qasam li fuqu saret il-fitla.

Meta l-patri għalaq warajh il-bieb, ra fis-sala l-oħra fejn kien dieħel raġel jinġibed lura qajl qajl, iħokk mal-ħajt, bħal-kieku biex ma jintebħux bih mis-sala tat-taħdita; u għaraf fih il-qaddej xiħ li kien ġie jilqgħu fil-bieb tad-dar.

Patri Kristofru ħares lejh hu u għaddej, sellimlu, u kien sa jibqa' sejjer; imma x-xwejjaħ resaq fuqu kollu ħabi, qiegħed seb-għu fuq ħalqu, u mbagħad b'dak is-sabgħa, għamillu sinjal, biex jistiednu jidħol miegħu f'mogħdija mudlama. Kif kienu hemm ġewwa, qallu taħt ilsien: "Patri, smajt kollox, u jeħtieġli nkel-lmek......"



"Għid malajr, raġel sewwa."

"Hawn le; Alla jħares jin ebah sidi... Imma jien naf ħafna ħwejjeġ, u nara niġix għada l-kunvent."

"Hemm maħsub xi ħaġa?"

"Xi ħaġa hemm fin-nofs minnu; ilu li stajt nintebaħ biha. Imma issa noqgħod mistenbaħ, u nittama li nikxef kollox. Ħalli lili nagħmel. Ikolli nara u nisma' ħwejjeġ!... ħwejjeġ tan-nar! ninsab f'dar!... imma jien irrid insalva ruħi."

"Il-Mulej ibierkek," u, jgħid minn taħt il-lsien dawn il-kelmiet, il-patri qiegħed idu fuq ras il-qaddej, li, għalkemm ix-jeħ minnu, kien imbaxxi quddiemu f'qagħda ta' iben. "Il-Mulej iħallsek," tenna jgħid il-patri: "la tonqosx tiġi għada."

"Niġi," wieġeb il-qaddej; "imma int fittex mur 'il barra, u... f'ġieh is-sema... la ssemminix." Igħid hekk, u jħares ma-dwaru, ħareġ min-naħa l-oħra tal-mogħdija f'sala żgħira li kienet tagħti għall-bitħa; jara kullimkien baħħ sejjaħ barra lit-twajjeb patri, li wiċċu wieġeb għal dik l-aħħar kelma b'aqwa minn kull kliem li bih hu sata' jagħmillu tajjeb. Il-qaddej urieh mnejn joħ-roġ; u l-patri, mingħajr ma jgħid kelma oħra, telaq.

## KWIEKEB

*Ta'* Mary Meylak

Fanali ċkejkna jleqqu,
Imsiebaħ kollhom dija
Li l-anġli għandhom l-amar
Jixegħlu kull fl-għaxija.

Biex aħna tul iljieli,
Hawnhekk, minn dan il-qiegħ
Naraw x'palazz thejjielna,
L-għamara tal-mistrieħ.

O kwiekeb sbieħ u tilma,
Il-gwida tal-millufa.
Jekk jiġi s-sħab jitfikom
Smewwiet jidhru meħrufa.

Bħal ħaġar l-aktar rari
Ġo baħar żmalt kaħlani,
L-istar tal-ġenna mbiegħda,
Juruna kemm hu għani.

O kwiekeb tal-brillanti,
Ċkejknin xbejbiet lejlija,
Titħajru wkoll xi darba
Ittellqu xi tiġrija.

Kultant mank naf x'naħsibkom,
Se ngħid mingħajr ma narra,
Jien qaddisin naħsibkom
Li xerrfu rashom barra.

Naħsibkom bews stampati
Ġol-wiċċ sabiħ tas-sema,
O kwiekeb bħan-nies tagħmlu,
Tiltaqgħu ġemgħa ġemgħa.

Bir-ruħ donnkom, u tpetptu
Tisharu kollkom sabar,
O kemm inħobb narakom,
Tfal żgħar, ulied il-Qamar.